**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 9 ta' Mejju, 2018**

Numru 10

**Rikors Guramentat Nru. 361/2018**

**Dr John Bugeja bhala mandatarju specjali tas-socjeta assikuratrici estera The Shipowners' Mutual Protection and Indemnity Association (Luxembourg) (Numru tar-registrazzjoni B14228)**

**vs**

**Il-Bastiment "LEONIDAS K" (IMO Nru 9467782)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-18 ta' April 2018 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti tipprovdi servizzi ta' assikurazzjoni lill-bastiment intimat sabiex l-istess bastiment ikun kopert b'polza ta' assikurazzjoni;

2. Illi fil-gimghat precedenti, s-socjeta rikorrenti giet avvicinata minn ghaxar (10) crew member li huma mpjegati fuq il-bastiment intimat sabiex jinfurmawha illi s-sidien tal-istess bastiment naqsu milli jhallsu l-pagi taghhom ghax-xhur ta' Frar u Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018). Fil-fatt, l-istess crew members ipprocedew b'dan il-mod wara li s-sidien tal-bastiment kienu ilhom diversi gimghat iweghduhom il-pagi taghhom minghajr ma jeffettwaw il-hlas rispettiv;

3. Illi s-socjeta rikorrenti kellha d-dover li tonora l-obbligi taghha il-skond il-Ligi Sussidjarja 234.51 tal-Ligijiet ta' Malta, liema provvedimenti legali jistipulaw carament illi l-hlasijiet tal-pagi tal-crew members, limitatament sa erba' xhur arretrati f'pagi, ghandhom jithallsu mill-financial security system tal-bastiment intimat, u cioe f'dan il-kaz hija s-socjeta rikorrenti;

4. Illi minbarra f'hekk, is-socjeta rikorrenti giet avvicinata sahansitra mill-'International Transport Workers Federation', u cioe l-Union tal-crew members rispettivi li interpellat l-istess socjeta esponenti sabiex tonora l-obbligi taghha taht il-Maritime Labour Convention u biex thallas l-arretrati ta' pagi li s-sidien tal-bastiment intimat ma kienux hallsu;

5. Illi nonostante li s-socjeta rikorrenti ppruvat tikkomunika mas-sidien tal-bastiment intimat u tinterpellahom sabiex jeffetwaw il-pagi rispettivi, dawn baqghu inadempjenti;

6. Illi minhabba f'hekk is-socjeta rikorrenti kellha tipprocedi bil-hlas tal-pagi rispettivi u llum il-bastiment intimat ghandu jhallas l-ammont ta' sitta u hamsin elf hames mija u sebgha u sebghin ewro u sebgha u disghin centezmu (€56,577.97) (kopja tad-dikjarazzjonijiet iffirmati mill-ekwipagg, flimkien mal-kuntratti tal-impjieg u l-payslips taghhom qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'A'). Din is-somma hija certa, likwida u dovuta u tirraprezenta l-hlasijiet tal-pagi li saru lill-ghaxar (10) crew members inkluz spejjez relatati mar-ripatrijazzjoni tal-istess crew members u spejjez ohra relatati mal-provvisti li gew suppliti lill-crew members u spejjez legali nkorsi in konnessjoni mal-tal-istess crew members u spejjez ohra relatati mal-provvisti li gew suppliti lill-crew members tal-imsemmi bastiment (kopja tal-fatturi qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'B' u 'C' tispettivament);

7. Illi s-socjeta rikorrenti ghandha drittijiet in rem kontra l-bastiment in kwistjoni ai termini tal-artikoli 742B u 742D tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi l-kreditu in kwistjoni jgawdi minn privilegg marittimu ai termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi permezz ta' rikors ghall-hrug tal-mandat ta' arrest kwatelatorju fl-ismijiet premessi, Mandat numru 535/18, liema rikors gie milqugh minn din l-Onorabbli Qorti fl-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), gie arrestat il-bastiment intimat (kopja tal-mandat ta' arrest qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'D');

10. Illi nonostante l-arrest sub-indikat, is-socjeta rikorrenti ghadha ma rceviet l-ebda hlas u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

11. Illi huwa fl-interess tas-socjeta rikorrenti illi din il-kawza tigi deciza skond it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Illi l-esponenti, bin-numru tal-Karta tal-Identita b'numru 452783M bhala mandatarju specjali tas-socjeta assikuratrici estera The Shipowners' Mutual Protection and Indemnity Association (Luxembourg) (Numru tar-registrazzjoni B14228) jaf personalment dwar il-fatti kif dedotti u qieghed jikkonferma bil-gurament tieghu, u sa fejn jaf hu, il-bastiment intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talbiet rikorrenti;

Ghaldaqstant, il-bastiment intimat ghandu jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra opportuna, tilqa' s-segwenti talbiet billi:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara l-bastiment intimat debitur tas-socjeta rikorrenti assikuratrici estera The Shipowners' Mutual Protection and Indemnity Association (Luxembourg) (Numru tar-registrazzjoni B14228) fl-ammont ta' sitta u hamsin elf hames mija u sebgha u sebghin ewro u sebgha u disghin centezmu (€56,577.97) jew somma verjuri, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura u tal-hlasijiet rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti pagi tal-ekwipagg tal-bastiment intimat inkluz spejjez relatati mar-ripatrijazzjoni tal-istess ekwipagg u spejjez ohra relatati mal-provvisti suppliti lill-istess ekwipagg;

3. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' sitta u hamsin elf hames mija u sebgha u sebghin ewro u sebgha u disghin centezmu (€56,577.97) jew somma verjuri, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura u tal-hlasijiet rispettivi sad-data tal-pagament.

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest kawtelatorju b'numru 535/18, akkordat fl-erba' (4) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) kontra l-bastiment intimat li minn issa huwa ingunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li l-bastiment konvenut gie debitament notifikat pero ma deher hadd ghas-seduta tas-7 ta’ Mejju 2018 biex jiggustifika jekk hemmx difiza tajba ghall-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament tad-difensur tas-socjeta attrici Dr Abigail Bugeja fejn bil-gurament taghha ikkonfermat li l-ammont hu kollu dovut u ma thallas xejn mill-prezentata tar-rikors guramentat sallum;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Jirrizulta mill-atti tal-kawza illi s-socjeta attrici ghamlet diversi pagamenti lil ekwipagg tal-bastiment konsistenti f’pagi dovuti lil ghaxar bahhara skond kuntratti ta’ impiegi esebiti, kif ukoll hlasijiet lill-istess biex il-bahhara jigu rimpatrijati, u bhala provvisti maghmula lilhom sakemm dan sehh. Dan sar ai termini tal-obbligi taghha qua asikurat skont il-ligi sussidjara 234.51.

Din it-talba hi gustifikata ai termini tal-artikolu 742B u 742D tal-Kap. 12 liema kreditu jikkostitwixxi privilegg ai termini tal-artikolu 50(h) tal-Kap. 234.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ma saret ebda oppozizzjoni, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil bastiment konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' sitta u hamsin elf hames mija u sebgha u sebghin ewro u sebgha u disghin centezmu (€56,577.97), rapprezentanti pagi tal-ekwipagg tal-bastiment intimat inkluz spejjez relatati mar-ripatrijazzjoni tal-istess ekwipagg u spejjez ohra relatati mal-provvisti suppliti lill-istess ekwipagg, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura u tal-hlasijiet rispettivi sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur